5 ta' Awissu, 1954.

Imħallfin :—

Is-S.T.Q. Sir L.A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.;
L-Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Giacomo Galea *versus* Pio Bessina

**Digriet — [illegible] — Prosedura — Mandat ta' Inibizzjoni — Eżekuzzjoni — Art. [illegible] tal-Kodiċi tal-Prosedura Ċivili.**

***Hemm tliet kategorija ta' digrieti: dawk definitivi, dawk interlokutorji, u dawk li la huma definitivi u lanqas interlokutorji, bħal***

*ma huwa wieħed minn dawk kamerali. Min irid jimpunja digriet minn dawk ta' din it-tielet kategorija, għandu jagħmel hekk, mhux b'rikors, imma per mezz ta' ċitazzjoni fil-kontestazzjoni tal-kontroparti quddiem il-Qorti li tkun emanat id-digriet.*

*Fil-kliem tal-liġi, l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xogħol ieħor, inkella milli tħott jew tagħmel tibdil f'bini jew f'xogħol ieħor, jew li jżomm persuna milli tidħol f'fond jew lok, jew li tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat; u l-Qorti ma għandhiex toħroġ dan il-mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dan il-mandat hu meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dan ir-rikorrent "prima facie" jidher li għandu dan id-dritt.*

*Għalhekk l-elementi li għandhom jikkonkorru biex ikun jista' jiġi spedit il-mandat ta' inibizzjoni huma tlieta; l-ewwel, ir-rikorrenza ta' wieħed mill-fatti fuq enumerati enunċjati fil-liġi; it-tieni, li jkun jidher "prima facie" li min jitlob il-ħruġ tal-mandat għandu d-dritt li jimpedixxi li ssir dik il-ħaġa li biha tista' tiġi arrekata lilu ħsara jew molestja; u t-tielet, li l-mandat ikun neċessarju biex jiġi konservat dak id-dritt tar-rikorrent.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur, wara li jippremetti illi l-konvenut, b'rikors tal-21 ta' Ġunju 1954, talab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra tiegħu biex jiġi inibit milli jaħdem il-kalkara tal-ġir li tinsab f'Palma Road, Mġarr, Malta, billi qiegħda tarrekalu molestja gravi u inkonvenjenti, sija lilu u sija lill-familja tiegħu; u illi din il-Qorti, b'mandat numru 369 tas-sena 1954 (dok. A), inibietu milli jaħdem il-kalkara tal-ġir fuq imsemmija; u illi huwa jħoss ruħu aggravat b'dan il-mandat, billi l-kalkara tinsab f'pożizzjoni tali li ma tistax tarreka lill-konvenut molestja serja, kif jirriżulta mill-provi u kif jista' jirriżulta aħjar minn aċċess mill-Qorti jew minn periti nominandi; illi l-mandat fuq imsemmi ser jarrekalu danni irreparabili fin-negozju tiegħu tal-kalkara, li huwa l-għajxien tiegħu u tal-familja tiegħu; u illi l-konvenut għamel id-domanda fuq imsemmija għal sempliċi skop ta' vessazzjoni; u illi l-

hruġ tal-mandat fuq imsemmi mhuwiex proċeduralment korrett fil-pendenza ta' kawża li għandha għala uniku oġġett tagħha l-*inibizzjoni* tal-ġestjoni tal-kalkara tal-ġir fuq imsemmija, u ma jeżistux l-elementi rikjesti mill-liġi, preċipwament billi l-mandat mhuwiex neċessarju għall-konservazzjoni ta' ebda dritt tal-konvenut, u għal raġunijiet oħra li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża; talab illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet kollha *neċessarji u jittieħdu* l-provvedimenti kollha opportuni, inkluża dik, jekk hemm bżonn, ta' aċċessi f'binijiet diversi mill-Qorti jew min periti nominandi, din il-Qorti tirrevoka "contrario imperio" l-mandat ta' inibizzjoni numru 369/1954 *maħruġ fis-6 ta'* Lulju 1954, fuq indikat, li bih hawa ġie inibit milli jħaddem il-kalkara tal-ġir f'Palma Road, fil-Wied tal-Palma, Mġarr, u dan għar-raġunijiet premessi, u b'hekk tiċħad it-talba tal-konvenut Pio Bezzina għall-ħruġ ta' dak il-mandat. Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jeċċepixxi illi r-revoka "contrario imperio" ta' digriet tintalab b'rikors, u mhux b'azzjoni (v. Kollez. VIII, paġ. 585); u subordinatament, u fil-meritu, l-attur ma għandu ebda raġuni ġdida li tiġġustifika r-revoka mitluba. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ ta' l-20 ta' Lulju 1954, li biha dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u ċaħdet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; billi kkunsidrat;

Illi, kif ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Awissu 1953, fil-kawża fl-ismijiet "Baldacchino vs. Bellizzi", hemm tliet kategoriji ta' *digrieti*: dawk *definitivi*, dawk interlokutorji, u dawk li la huma definitivi u lanqas interlokutorji, bħal ma huma uħud minn dawk kamerali; u illi min irid jimpunja digriet bħal dan ta' din l-aħħar kategorija jagħmel hekk per mezz ta' ċitazzjoni fil-kontestazzjoni tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet;

Illi, fil-każ taħt konsiderazzjoni, id-digriet imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u li l-attur qiegħed jimpunja, ġie mogħti minn dina l-Qorti kameralment minn dawk fuq imsemmijin. Għal-

hekk il-proċedura segwita mill-attur f'din l-istanza, bħala konformi għal dik traċċjata mill-Onorabbli Qorti fuq imsemmija, għandha titqies illi hi korretta, u b'dan il-mod l-eċċezzjoni tal-konvenut għandha tiġi respinta;

Ikkunsidrat fil-meritu;

Illi l-attur qiegħed jitlob ir-revoka "contrario imperio" tad-digriet ta' dina l-Qorti tas-6 ta' Lulju 1954, li bih ġie maħruġ il-mandat imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Dak id-digriet ġie emanat għaliex deher lill-Qorti "prima facie" illi, fl-istat ta' fatt ta' affarijiet kif inhuma attwalment, il-konvenut jista' jkollu ħsara bix-xogħol tal-kalkara tal-ġir li qiegħed jagħmel l-attur, billi mill-provi rriżulta li d-duħħan li joħroġ miċ-ċumnija tal-kalkara jikkostitwixxi "nuisance"; minħabba dik in-"nuisance" il-konvenut ikollu jżomm l-aperturi tal-fond tiegħu magħluqa; u dan l-għeluq jikkostitwixxi ħsara għas-saħħa tal-konvenut u tal-familja tiegħu, fosthom martu, li tinsab fi stat interessanti;

Illi tabilħaqq it-Tabib Dr. John Attard xehed illi d-duħħan li joħroġ miċ-ċumnija tal-kalkara msemmija hu "nuisance" (seduta 6 ta' Lulju 1954), u l-istess haġa qal il-Professur Dr. Joseph Galea (seduta 6 ta' Lulju 1954), u illi, kieku l-post kien "an inhabited area", il-Board ma kienx żgur jagħti lill-attur il-permess biex jagħmel il-kalkara, u illi dik in-"nuisance" tikber u ssir aktar gravi għal mara li tkun inċinta u li tkun tabita fir-razzett tal-konvenut viċin il-kalkara, bħal ma hi l-mara tal-konvenut. Huwa qal ukoll illi d-duħħan jasal ħdejn ir-razzett tal-konvenut mhux biss fir-riħ, imma wkoll fil-kalma; u illi bniedem ma għandux joqgħod bil-magħluq minħabba d-duħħan, għaliex inkella dan iġib preġudizzju għas-saħħa. U ġie pruvat illi d-duħħan provenjenti mill-kalkara ikkaġuna ħsara, jew dwejjaq kbar, tant lill-konvenut, li kellu jiġi meħud l-Isptar tal-Moħħ, kemm lil martu, u għalhekk il-konvenut kellu jżomm l-aperturi tal-fond tiegħu magħluqa, sa anki jsodd il-fessuri tagħhom bl-aħjar mod li jista' biex jevita r-riħa ta' dak id-duħħan;

Illi veramènt it-tabib Dr. Attard xehed ukoll illi fl-opinjoni tiegħu dik in-"nuisance" mhix biżżejjed biex tiġġustifika l-għeluq min-naħa tal-konvenut ta' l-aperturi tal-fond tiegħu,

u lanqas [illegible] illi tikkrea inkonvenjent: din ukoll kienet l-opinjoni tal-membri tal-Board, fosthom l-imsemmi Professur Dr. Galea, li ta l-permess lill-attur biex iżomm il-kalkara. Imma ġie pruvat illi meta l-membri tal-Board marru jispezzjonaw il-fond għall-finijiet tal-għoti ta' dak il-permess, mill-kalkara ta' l-attur ma kienx tiela' duħħan, u dan semplicement għaliex dik il-kalkara ma kienetx taħdem (dep. Prof. Galea 6 ta' Lulju 1954); u jidher illi dak il-Board ta l-permess lill-attur fuq is-suppożizzjoni li l-kwantità tad-duħħan li titla' miċċumnija hi żgħira, meta taħdem tajjeb (dep. Dr. Attard seduta 6 ta' Lulju 1954). Effettivament il-Professur Dr. Galea xehed ukoll illi, kieku rriżultaw lill-Board iċ-ċirkustanzi li ġew konstatati mill-Qorti fl-aċċess minnha adoperat fil-15 ta' Ġunju 1954, huwa kien jgħid illi dawk iċ-ċirkustanzi kienu jikkostitwixxu "a nuisance value" li minħabba fih ma kienx jingħata permess lill-attur biex iżomm il-kalkara;

Illi l-provi miġjuba mill-attur f'din l-istanza ma jiġġustifikawx it-talba tiegħu għar-revoka tad-digriet tas-6 ta' Lulju 1954, għaliex ma jbiddlux iċ-ċirkustanzi li fuqhom ġew magħmula l-konsiderazzjonijiet għall-emanazzjoni ta' dak id-digriet fuq imsemmi. Ma jirriżultax illi t-talba tal-konvenut għall-ħruġ tal-mandat ta' l-inibizzjoni saret bi skop ta' vessazzjoni. L-attur lanqas ma wera b'xi mod għaliex, kif jippretendi fiċ-ċitazzjoni, il-ħruġ tal-mandat fuq imsemmi mhux proċeduralment korrett, u l-istess mandat mhux neċessarju għall-konservazzjoni ta' ebda dritt tal-konvenut;

*Illi* ċ-ċirkustanzi konstatati mill-Qorti fl-aċċess li ssemma ma jistax jingħad illi kienu ta' darba biss u illi ma jistgħux jirripetu ruħhom; u lanqas illi kienu eċċezzjonali. L-istess attur xehed (seduta 15 ta' Ġunju 1954) illi huwa jżid il-faħam darbtejn kuljum fil-ġimgħa kollha, barra darba s-Sibt u darbtejn tal-Ħadd, u minn dan il-proċess jitla' d-duħħan; u illi meta l-kalkara tkun qiegħda, tiġi mimlija duħħan aktar. Għalhekk mhux il-każ, almenu f'dan l-istadju, li l-Qorti żżomm aċċess ieħor fuq il-post, jew li tinnomina periti għall-verifika ta' l-imsemmijin ċirkustanzi;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, li biha dan appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ tal-20 ta' Lulju 1954;

Bat il-petizzjoni ta' l-attur appellant, li talab ir-riforma tas-sentenza appellata fuq imsemmija, bil-konferma tal-parti li biha giet michuda l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut, bl-ispejjeż, u bir-revoka tal-parti li biha giet michuda t-talba ghar-revoka "contrario imperio" tal-mandat ta' l-inibizzjoni tas-6 ta' Lulju 1954 fl-ismijiet "Pio Bezzina vs. Giacomo Galea", bl-spejjeż, u b'hekk tigi milqugha t-talba ta' l-appellant, u tigi ordnata r-revoka tal-mandat fuq indikat, u c-cahda tat-talba relativa tal-konvenut; bl-ispejjeż taż-żewg istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Tikkonsidra;

Illi, fil-kliem tal-ligi, "l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xoghol iehor, inkella milli thott jew taghmel tibdil f'bini jew f'xoghol iehor, jew li jżomm persuna milli tidhol f'fond jew iok, jew li taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat"; u "l-Qorti ma ghandhiex tohrog dan il-mandat jekk ma tkunx soddisfatta li dan il-mandat hu mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dan ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dan id-dritt" (art. 876 Kod. Proc. Civ.);

Illi ghalhekk tlieta huma l-elementi li ghandhom jikkonkorru biex ikun jista' jigi spedit il-mandat in kwistjoni; jigifieri, l-ewwel, ir-rikorrenza ta' wiehed mill-fatti fuq enumerati enuncjati fil-ligi, fil-każ preżenti, li l-intimat, jigifieri l-appellant, qieghed jaghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew molestja lir-rikorrent, jigifieri lill-appellat; imbaghad, li jkun jidher "prima facie" li r-rikorrent ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-appellant li jaghmel dik il-haga li biha jista' jarrekalu hsara jew molestja; u, fl-ahharnett, li l-mandat ikun necessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent. Dawn huma t-tliet indaginijiet li l-Qorti ghandha taghmel f'din il-kawża, u ma ghandhiex tmur aktar 'l hemm u tiddecidi fuq id-dritt tar-rikorrent; altrimenti tkun qeghda tiddecidi l-merito tal-kawża li ghaliha jirriferixxi l-mandat; liema merito mhux quddiem din il-Qorti;

Tikkunsidra, kwantu għall-ewwel u t-tieni estrem;

Illi jirriżulta li l-appellant qiegħed jeżerċixxi, in aperta kampanja, imma f'post wisq viċin għall-abitazzjoni tar-rikorrent, quddiem l-istess abitazzjoni fil-parti opposta tat-triq, kalkara li mill-bokka tagħha toħroġ ċerta kwantità ta' duħħan li jagħmel ir-riħa; u r-rikorrent jallega li dik ir-riħa tarrekalu molestja intollerabbli, għaliex intensa u tinxtamm kontinwament fl-imsemmija abitazzjoni tiegħu, lejl u nhar, barra l-ħdud u granet tal-festa;

Illi għalhekk jirrikorru tant l-ewwel kemm it-tieni estrem, billi jidher, "prima facie", illi l-appellant, bl-eżerċizzju tal-kalkara, jista' jarreka lill-appellat ħsara konsistenti fil-molestja fuq riferita, billi hu biżżejjed f'dan l-istadju li, fil-fehma tal-ġudikant, il-perikoli li jridu jiġu evitati bil-mandat ikunu aktarx probabili, u li jkunu jistgħu faċilment javveraw ruħhom, b'mod li l-appellat, kreditur tad-dritt, ikun espost realment għal dawk l-istess perikoli (Galdi, Commento della Procedura Civile, Vol. VII, pag. 227 e segwenti). Għalhekk jirriżulta "prima facie" d-dritt ta' l-istess appellat li jaġixxi ġudizzjalment kontra l-appellant biex ineħħilu dik il-molestja; salva l-konsiderazzjoni u d-deċiżjoni, fil-kawża fuq indikata, jekk dik il-molestja li minnha jilmenta l-appellat hix tali, skond il-liġi, li l-appellat għandu d-dritt li jeżiġi li titneħħa;

Tikkunsidra, dwar it-tielet element;

Illi anki dan it-tielet element jikkonkorri; il-għaliex, jekk ma jiġix spedit il-mandat, l-appellant jibqa' liberu li jkompli jħaddem il-kalkara, u b'hekk ikompli jarreka lill-appellat il-molestja li "prima facie" tirriżulta, u li, kif jidher "prima facie", ir-rikorrent għandu d-dritt li ġudizzjalment jitlob li titneħħa. Ġa ladarba dik il-molestja ma tistax titneħħa ħlief bil-ħruġ ta' dak il-mandat, dana juri li l-mandat hu neċessarju għall-konservazzjoni tad-dritt li l-appellat "prima facie" jidher li għandu li ma jsofrix il-molestja fi ħwejġu;

Għall-motivi premessi;

Tirrespinġi l-appell, u tikkonferma s-sentenza denunċjata riferibilment għall-kap tagħha devolut lil din il-Qorti; bl-ispejjeż kontra l-appellant.